MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 81/2009

**Il-Pulizija
(Maggur George Farrugia)**

**Vs
George Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew rappresentant guridiku tas-socjeta' Presidential Holdings Ltd, b'indirizz irregistrat President Hotel, Triq il-Qaliet, St. Julians, Malta, u/jew bhala l-persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta' sabiex ihallas il-pagi dovuti, leave, bonus u allowance, naqas li jhallas il-pagi dovuti, leave, bonus u allowance fl-ammont ta' LM 294.57c dovuti lill-ex-impjegata tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, Graziella Bugelli, fit-tmiem tal-impjieg taghha fil-11 ta' Novembru 2006.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 5, 15 u 45 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu multa ta’ mitejn u hamsin Euro (€250) u ordnat lill-appellant sabiex sa zmien xahar ihallas lill-ex- impjegata Graziella Bugelli l-ekwivalenti f’Euro tas-somma ta’ mitejn u erbgha w disghin Liri Maltin u sebgha w hamsin centezmi (LM294.57).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta’ Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati w tilliberah skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xiehda fl-udjenza tas-16 t’April, 2009 u dik tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi s-sottomissjoni principali tal-appellant ghala ma kellux jinsab hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu hija fis-sens li ma saritx prova lil hinn minn kull dubbju dedatt mir-raguni li hu kien jidher li qed jagixxi f’kariga jew ta’ direttur jew ta’ manager jew segretarju jew ta’ xi ufficjal tas-socjeta’ Presidential Holdings Ltd.

Illi pero’ mill-assjem tal-provi tal-prosekuzzjoni din il-Qorti, anki jekk ma tqisx bhala prova ammissibbli id-dokumenti li jinsabu a fol. 9 u 10 tal-process, hija xorta sodisfatta sal-grad tac-certezza morali mix-xhieda tal-impjegata Graziella Bugelli li fiz-zmien in kwistjoni imsemmi fic-citazzjoni l-appellant kien bhala fatt qed jiggestixxi hu s-socjeta’ in kwistjoni w ghalhekk skond l-artikolu 46 tal-

Kap. 452 irid jirrispondi legalment hu personalment ghan-nuqqasijiet u ksur tal-Ligi li sar mill-istess socjeta'.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------